Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 246 :: NOVEMBRU, 2016

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

# 55 SENA MILL-MEWT TAL-POETA NAZZJONALI MALTI

**Kull sena f'Malta ssir kommemorazzjoni għal Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali Malti.**

Meta ftit snin ilu jien u l-mara tiegħi, Salvina, konna bi żjara f'Malta kont ġejt mistieden biex nattendi din il-kommemorazzjoni li saret il-Furjana quddiem il-monument ta' Dun Karm.

Dak in-nhar kont iltqajt ma' ħafna, li minn dak iż-żmien sirt nafhom u saru ħbieb tiegħi, ħafna minnhom li kont nafhom biss minn fuq l-internet. Fosthom kien hemm Patrick Sammut, Manwel Mifsud, Trevor Zahra u oħrajn.

Kienet ċeremonja sabieħa fejn inqraw ħafna affarijiet fuq Dun Karm, u smajna recording ta' poeżija moqrija minn Dun Karm, "Bajda u Ħamra".

Kien hemm ukoll xi għana fuq Dun Karm u l-Ilsien Malti minn Żeppi Spagnol u bintu Janice Spagnol. Fil-programm tiegħi fuq ir-radju komunitarju 3ZZZ ta' nhar il-Ġimgħa, 28 t'Ottubru, kelli programm speċjali fuq Dun Karm.

Dawk li jixtiequ jisimgħu il-programm tiegħi fuq Dun Karm jistgħu jidħlu f'din il-*link* li ddum hemm xi 3 ġimgħat:
http://www.3zzz.com.au/audiofiles/42671.708387_3ZZZ_Fri_28_Oct_2016_5_00_PM.mp3

Sadanittant, ħaġa li ili biex naqsamha magħkom, ftit ilu waqt li kont qed inqalleb ġie f'idi "autograph book" li kienet iżżomm il-mara tiegħi, Salvina, meta kienet għadha tmur l-iskola. Minkejja li hi minn Ħal Qormi kienet tmur l-iskola f'Birkirkara. Kważi kull filgħodu fuq l-istage hi u sħabha kienu jiltaqgħu mall-poeta Dun Frans Camilleri. F'dan il-ktieb, Dun Frans kien kitbilha żewġ paġni b'poeżija u waħħal ukoll ritratt oriġinali tiegħu ma' Dun Karm u l-kanarin. Hawn qed naqsmu magħkom minħabba li ma nafx jekk hawnx xi ħadd li għandu l-istess ritratt.





Lil Art Twelidi

Bajda bħal ġilju f'nofs ta' baħar sbejjaħ,
Taħt sema ikħal, maħluq biss għalik,
Int ġawhra tal-ħolqien, ġnien mimli fwejjaħ
Li ħalqek Alla biex jitgħaxxaq bik.
"Warda tad-dinja" minn żmien twil tissejjaħ
għall-ħlewwa, għas-sbuħija li tagħnik.
Is-sabiħ wiċċek qatt iż-żmien ma jxejjaħ
Biex jibqgħu l-artijiet jgħiru għalik.
Le, mhux id-deheb u l-fidda l-għana tiegħek:
Ġidek is-sema l-art, ix-xemx u l-baħar,
Twemminek u l-imħabba ta' l-ulied.
O Malta sbejħa u kbira fil-ġrajjiet,
B'kobrok u ġmielek la tisthix tiftaħar,
'Ma tinsa qatt kemm Alla waqaf miegħek!
Dun Frans Camilleri

***Jikteb il-Kavallier Joe M. Attard, mir-Rabat, Għawdex:***

# 55 SENA MILL-MEWT TAL-POETA NAZZJONALI MALTI

Nhar il-Ġimgħa filgħaxija, 21 ta' Ottubru 2016 il-Kunsill tal-Kultura f'Għawdex fakkar għeluq il-55 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Monsinjur Dun Karm Psaila b'serata Mużiko Letterarja fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex f'misraħ San Franġisk, Victoria li matulha nqraw xi poeżiji tal-Poeta kif ukoll tkantaw xi għanjiet reliġjużi li ħarġu mill-pinna tiegħu, mill-kantant Għawdxi Raymond Caruana. Intwera wkoll dokumantarju fuq il-ħajja tiegħu b'kummenti tal-Professur Oliver Friġġieri waqt li n-Nutar Paul G. Pisani tkellem dwar xi aspetti mill-ħajja letterarja ta' Dun Karm. Għadd mhux ħażin ta' Għawdxin kienu preżenti li fi tmiem is-serata kienu indirizzati miċ-Chairman tal-Kultura u Festi Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, Monsinjur Dr Joe Vella Gauci. Dejjem b'rabta mal-Letteratura Maltija, nhar il-Gimgħa 25 ta' Novembru, fis-7.00pm, għadd ta' kittieba Għawdxin iltaqgħu fil-Librerija Pubblika ta' Victoria u qraw bejniethom xi ftit mix-xogħlijiet tagħhom. Is-serata kienet imżewqa wkoll b'xi ftit kordi tal-kitarra mill-kantant popolari Għawdxi Spiro Sillato. Il-pubbliku kien ġentilment mistieden.

# DIZZJUNARJU TA' DE SOLDANIS



**Qed nirsistu biex id-dizzjunarju ta' De Soldanis (Damma tal-Kliem Kartaġiniż) ikun f'idejna meta tibda l-fiera tal-ktieb f'Novembru. L-Akkademja se tipparteċipa ma' Heritage Malta biex tqassam dan id-dizzjunarju lill-abbonati.**

Aħna sodisfatti li opra li kienet ilha manuskritta 250 sena se tara d-dawl b'impenn kollettiv bejn l-editriċi Rosabelle Carabott u l-pubblikaturi, li huma Heritage Malta, BPC International, RIDT (l-Università ta' Malta), l-Akkademja tal-Malti, il-Bibljoteka Nazzjonali, id-Dipartiment tal-Malti (l-Università ta' Malta), il-Ministeru ta' Għawdex, u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Nirringrazzjawkom tas-sabar tagħkom. Min-naħa tagħna, aħna għamilna kulma stajna biex il-kwalità tisboq l-aspettattiva tagħkom.

***Ritratt: L-ewwel folja tad-Damma stampata fl-istamperija Baroni & Gori (Firenze). Din il-pubblikazzjoni ta' kwalità se tagħmel ġustizzja ma' min kiteb b'passjoni favur l-ilsien Malti 250 sena ilu.***

# ARPEĠĠI




**Il-poeżiji fil-ġabra ARPEĠĠI, huma l-biċċa l-kbira fuq stil modern u rari mxekklin minn riġidità, juru l-ewwel nett is-sensittività femminili, l-intwizzjoni femminili, is-sens qawwi ta' nostalġija għaż-żmien li kien, li kien aħjar, iżda li tar u mar, sens qawwi ta' osservazzjoni lejn in-natura fiċ-ċikli staġjonali tagħha, qima lejn l-ambjent, lejn il-ġmiel tal-ħolqien tal-ħajja, ta' dak kollu li hu sabiħ.**

Jinħassu wkoll, u jinħassu sewwa, il-waqtiet ta' delużjoni fl-imħabba. It-tkissir ta' ideali għalxejn b'xejn. In-niket, bosta drabi mmelles minn sabar ħelu, fit-telfa ta' xi ħadd għażiż, imsaħħaħ minn sens qawwi ta' rassenjazzjoni, is-sens taż-żmien li għadda bla ma ħalla jitwettqu bosta xewqat u ħolm, ir-realtà tal-lum u l-istennija ta' għada. Huma dawn l-elementi qawwija, komuni għal kull bniedem, iżda l-aktar għal kull poeta, bis-sensittività kollha tiegħu. Bosta mill-poeżiji huma pajsaġġi ta' lwien mill-isbaħ, pajsaġġi Maltin, kollha jirriflettu l-ġmiel ta' gżiritna, kollha jarmu fwieħa Maltija, ta' kittieba u osservatriċi Maltija, li b'sengħa kbira għarfet twaħħad magħhom l-istess ħsusha, ħajjitha, l-esperjenzi tagħha, sbieħ u koroħ, l-imħabba tagħha lejn art twelidha, lejn il-familja tagħha.

***<u>Stqarrija għall-Istampa</u>***

# Alek Popov fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għandu pjaċir jippreżenta lill-kittieb Bulgaru, Alek Popov, wieħed mill-mistiedna speċjali għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena. Ser jieħu sehem f'żewġ attivitajiet – huwa wieħed mill-kelliema fil-konferenza Literature and Totalitarianism u ser ikollu avveniment f'ġieħu fejn ser jitkellem mal-ġurnalist u kittieb Teodor Reljic fuq il-ħsibijiet u t-temi li jinformaw il-kitba tiegħu. Il-kittieb ser ikun disponibbli ukoll biex iwieġeb għall-mistoqsijiet mill-udjenza kif ukoll biex jiffirma kopji tal-kotba tiegħu.

Popov huwa magħruf ħafna fil-Bulgarija, l-iktar għax-xogħol satiriku tiegħu, Mission:London, parodija kumplessa tas-sistema politika fil-Bulgarija li tikxef l-għarbiel mhux daqshekk moħbi ta' korruzjoni, favoritiżmu politiku u l-inkompetenza tal-awtoritajiet. Fil-parodija, li għandha rakkont meħjut minn ħafna fili differenti, toħroġ bis-saħħa d-delużjoni ta' soċjetà post-kommunista li qed tħejji ruħha sabiex tingħaqad mal-familja ta' nazzjonijiet kapitalisti.

Xeni mill-film tant popolari ser jidhru waqt l-intervista mal-kittieb ġewwa Sala Temi Zammit (MCC) nhar is-Sibt 12 ta' Novembru fis-7:00pm. Għal aktar informazzjoni dwar il-programm kulturali tul il-ħamest ijiem tal-Festival:
Web: http://ktieb.org.mt/?page_id=139&lang=mt

# IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **25 ta' Noembru, 2016** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Din tkun il-Laqgħa Ġenerali Annwali fejn issir elezzjoni għall-kumitat ġdid. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri magħna.

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# ITTRI LI NIRĊIEVU...

Għażiż Paul, Nirringrazzjak minn qalbi għall-folju tassew sabiħ li tibgħatli regolarment mill-Awstralja. Nassigurak li naqrah mill-bidu sal-aħħar għax hawn Malta għandna għatx kbir biex inkunu nafu dwar il-kittieba ħutna u x'qed jiktbu f'dak il-kontinent. Ħaqqkom kull tifħir għax il-folju mimli daqs bajda bl-informazzjoni u kumplimentat bir-ritratti. L-akbar servizz tal-folju hu li qed iservi ta' ħolqa bejn il-Maltin ta' Malta u dawk tal-Awstralja. Hija meravilja ta' żmienna li t-teknoloġija moderna ċekknet id-dinja u ressqet in-nies lejn xulxin minkejja d-distanzi kbar. Grazzi u s-sliem għalikom.
***Achille Mizzi***

Għażiż Paul, Nixtieq ngħidlek GRAZZI vera kbira ta' dan il-folju li kull ma jmur aktar qed jimtela b'aħbarijiet li lilna jferrħuna. Grazzi li ppublikajtli l-poeżija ta' Madre Teresa, mara tassew kbira li bl-umiltà tagħha, skantat lid-dinja u għenet kemm setgħet b'azzjoni mhux bil-kliem biss. Aħna nemmnu fil-kliem għax min għandu għal qalbu l-kitba, nemmnu li bil-kitba tagħna nistgħu nagħmlu differenza, però qed ngħixu f'dinja għamja u truxa għall-bżonnijiet li l-ħajja qed turina li  għandha...aħna l-bnedmin b'xorti ħażina naħsbu ħafna...imma nħossu ftit. Grazzi mill-qalb,
***Amanda Busuttil***

Għażiż Paul, Il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria irċevejtu b'sodisfazzjon u nieħu pjaċir intennilek, li nsibu nteressanti immens. Minbarra l-aħbarijiet letterarji ta' attivitajiet meħtieġa li jittellgħu f'Melbourne u nħawi oħra, nieħu gost naqra xi poeżija, versi ħfief daqskemm profondi, b'laqta sentimentali naturali u b'leħma ta' konnettività li ma titħassar qatt bejn Malta u l-Awstralja. Fih ukoll tagħrif utli ieħor ta' aspetti u kunċetti artistiċi  oħrajn, li għal min għandu għal qalbu dawn it-temi huma ta' kunsiderazzjoni akuta. Ma rridx intawwal ħafna, biex ma nisirqilkomx ħinkom prezzjuż. Ippermettili nagħlaq biss Paul, billi nħeġġiġkom tkomplu tibnu fuq il-bażi soda li diġà bnejtu, għax il-letterratura hi arti li tgħaqqad, issaħħaħ u ġġedded. B'imħabba:
***Mario Griscti***

Għażiż Paul u membri, Grazzi ħafna bħal kull darba li nirċievi dan il-fuljett.  Awguri lil kulħadd. Jien qed ninnota li aħna l-Maltin lil hinn minn xtutna bqajna nħobbu u nitkellmu bil-Malti aktar min dawk il-Maltin li jgħixu f'pajjiżhom.
Il-barka t'Alla fuqkom. Tislijiet minn qalb Maltija. Tislijiet.
***Antoinette Mascari***

Għażiż Paul Vella, Grazzi ħafna u prosit tax-xogħol li qed tagħmlu. Smajt ħafna affarijiet tajbin fuqkom milux - forsi nuqqas tiegħi li għadni m'għamiltx kuntatt stabbilit magħkom imma kellna prioritajiet oħra fl-ewwel tliet snin tagħna. Ser nipprova nlaħħaq magħkom fit-terminu l-ġdid tiegħi. Grazzi ħafna u tislijiet.
***Mark Camilleri, Kap Eżekuttiv, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb***
www.ktieb.org.mt

Għażiż Paul, Ħajr tal-Folju li tibagħtilna. Tassew interessanti u ta' min jammirakom għall-impenn li bqajtu żżommu f'ġieħ l-Ilsien Malti minkejja din id-distanza daqshekk kbira. Jalla tissoktaw trawmu lil uliedkom u l-ġenerazzjoni ta' warajhom fil-kultura tal-għeruq tagħkom. Jekk tista' u jekk ikollok spazju, qed nibgħatlek storja ta' mitejn kelma biex tippubblikaha fir-rivista tiegħek. Din l-istorja hija waħda minn għadd ieħor li kollha għandhom mitejna kelma biss. Jekk ma tistax, ma jkun jimporta xejn. Mill-ġdid ħajr u awguri, tislijiet,
***Salv Sammut***

**Nirringrazzja  lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Emmanuel Attard Cassar, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro  għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**

# ĠEST — *minn Salv Sammut*


**Salv Sammut**

Kien ħareġ fuq parole wara ħmistax-il sena minn sentenza ta' ħamsa u għoxrin sena ħabs. Qagħad bil-għaqal u t-talba għal parole ġiet milqugħa. Kien instab ħati li kkaġuna l-mewt ta' żagħżugħ b'injezzjoni żejda ta' eroina. Kien espert fl-użu tal-inġekxin għalih u għal ħaddieħor fit-teħid tad-droga. Darba ġietu ħażina u nqabad.

Issa kien miexi fit-triq jara kollox ġdid, kemm toroq u kemm djar. Minn waħda minnhom sema' għajjat ħiereġ minn dar. Ħarġet mara tagħti fuq wiċċha u tolfoq.

"Jaħasra! Fredu tiegħi se jmut qabel tiġi l-ambulanza!"

In-nisa nġabru magħha u staqsewha x'kien ġara.

"Illum kien imissu l-inġekxin tal-insulina imma n-ners ċemplet li mietet ommha! Fredu ma jafx jittaqqab u tal-poliklinika domt biex qbadthom!"

"Jaħasra, kieku hawn xi ners fil-qrib!" tnehdet waħda.

"Intaqqbu jien!" qabeż ir-raġel f'daqqa.

"Imma int ners?" staqsietu l-mara.

"Fejn hu żewġek?" ried ikun jaf huwa.

Fid-dar, ir-raġel ħejja s-siringa bl-insulina u taptap fuq il-vina ta' żewġha. Meta sabha, daħħal il-labra u mbotta 'l isfel.

Mit-triq instemgħet is-sirena tal-ambulanza u l-mara ġriet għal barra.

It-tabib daħal man-ners jeżamina 'l-żewġha u wara, stqarrilha:

"Sinjura, imn'alla tajtu l-inġekxin għax salvajtlu ħajtu!"

Il-mara ftakret fir-raġel, daret iżda ma ratux. Dan kien fi triqtu lejn l-Għassa biex jiffirma kif kienu r-regoli tal-parole.

***Stqarrija għall-Istampa***

## Ċelebrazzjoni tal-erba' mitt anniversarju mill-mewt ta' Cervantes waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2016.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq jinforma lill-pubbliku b'preżentazzjoni li ser tittella' bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Ispanjol (Università ta' Malta) u l-Ambaxxata ta' Spanja f'Malta flimkien mal-istess Kunsill u SKS, bit-titlu 'Cervantes and Don Quixote in Literature and Culture'. Il-preżentazzjoni, li hija waħda mill-attivitajiet ewlenin tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, hija maħsuba sabiex tfakkar l-400 anniversarju mill-mewt ta' Miguel de Cervantes (1616) u ser tinvolvi għadd ta' kelliema, fosthom l-espert fuq Cervantes u l-importanza tiegħu fil-letteratura kontemporanja, il-Professur John Ardila.

L-attività ser tkun imżewqa b'sessjoni ta' għana popolari minn Emmanuel Abela, għannej popolari miż-Żejtun magħruf bħala Il-Fenka u akkumpanjat minn kitarristi popolari oħra, li ser jinterpreta bl-għana siltiet minn DUN KIXOTT MILL-MANĊA (SKS), it-traduzzjoni Maltija f'għamla poetika tax-xogħol ta' Cervantes minn Pawlu Montebello. Ser ikun hemm ukoll it-tnedija ta' Żwieġ Qarrieqi (The Deceitful Marriage), wieħed mir-'rumanzi eżemplari' ta' Cervantes li ġie tradott għall-Malti minn Fiona Sciberras. Il-pubblikazzjoni ta' dan ix-xogħol seħħet bl-għajnuna tal-Ambaxxata Spanjola fl-okkażjoni tal-anniversarju.

L-E.T. José Pons, l-Ambaxxatur ta' Spanja ser ikun preżenti għall-okkażjoni, li ser iseħħ f'Sala Sir Temi Zammit (MCC, Valletta) fl-10 ta filgħodu, il-Ħadd, 13 ta' Novembru. Id-diskussjonijiet ser ikunu bl-Ingliż.

Għal aktar informazzjoni dwar il-programm kulturali tul il-ħamest ijiem tal-Festival.